MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2013

Numru. 87/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Joanne Rapa**

Numru: 87/2012

Illum 5 ta’ Marzu 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Joanne Rapa**, ta’ tmienja u tletin (38) sena, bint Carmel u Marie neé Azzopardi, imwielda Xewkija, Ghawdex nhar il-25 ta’ Novembru 1973, residenti f’Electra, Triq il-Wied, Marsalforn, limiti ta’ Zebbug, Ghawdex, u detentrici tal-

Karta ta' l-Identita' bin-numru 1874(G), akkuzata talli nhar il-5 ta' April 2012 gewwa Marsalforn, Ghawdex u f'diversi postijiet ohra fil-gzira ta' Ghawdex, bejn il-hdax u nofs ta' filghodu (11.30hrs) u in-nofs siegha (12.30hrs):

1. ingurjat jew hedded, jew ghamlet offiza fuq persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioé minn PS 342 Johan Said waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. u aktar talli, fl-istess dan, hin u cirkostanzi, permezz ta' xi *network* jew apparat ta' kommunikazzjoni elettronika ghamlet uzu mhux xieraq bih.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lill-imputata, fis-seduta tallum, tammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u semghetha tikkonferma l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputata, l-ammissjoni bikrija taghha f'dawn il-proceduri, dak li wassal lill-imputata tikkometti r-reati addebitati lilha, il-fatt li, fis-seduta tallum, l-imputata skuzat ruhha tal-akkadut u ddikjarat li l-agir taghha kien wiehed skorrett u li sehh fis-sahna tal-mument u, kif ukoll, il-fatt li PS 342 Johan Said accetta din l-apologija *da parte* tal-imputata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u:

- fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, fil-fehma tal-Qorti, jissusistu cirkostanzi ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qorti tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien sitt xhur millum;

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

- fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, tikkundannaha multa ta' mitt Euro (€ 100.00).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------